TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Bernard Schembri**

**Vs**

**Sami Alsalh**

CCT 32/23/CC

Illum 18 ta' Awissu 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fis-17 ta' Frar 2023, fejn talab ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €2,450 (elfejn, erba' mija u hamsin ewro) rapprezentanti in parte ammont imhallas mir-rikorrenti ghal balavostri u permessi relattivi, u in parte penali ai termini ta' kuntratt vigenti bejn il-partijiet rigwardnati ix-xoghlijiet mertu ta' din l-istanza.

Ra li l-intimat debitament notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezenta l-ebda risposta, u ma deher hadd fis-seduta skedata ghal provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti jixhed bil-gurament fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li fl-20 ta' Settembru 2022 r-rikorrenti inkariga lil intimat sabiex jezegwixxi xoghlijiet strutturali ta' ristrutturar fuq faccata, bdil ta' balavostri, kisi ta' opramorta u tibjid.

Jirrizulta li l-partijiet iffirmaw kuntratt bejniethom, liema kuntratt kien jistipula li x-xoghol kellu jkun kompletat fi zmien hames gimghat. Illi jirrizulta li ftit wara l-iffirmar tal-kuntratt, u in segwitu li r-rikorrenti ivversa xi pagamenti lil intimat, l-istess intimat qala' xi balavostri, u wara ftit granet ma komplix ix-xoghol, b'konsegwenza li halla periklu strutturali fil-propheta tar-rikorrenti. Jirrizulta li l-intimat insista ghal pagamenti ulterjuri, izda ghalkemm saru xi pagamenti mir-rikorrenti, l-intimat baqa' ma komplix u ma kkonkludix x-xoghol.

Illi jirrizulta li t-talba avvanzata mir-rikorrenti in parte hija l-pagamenti vversati lil intimat, u in parte hija ammont ta' penali rizultanti mill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet minhabba li x-xoghol ma giex ezegwit skond il-ftehim.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti ghamel diversi tentattivi sabiex l-intimat izomm mal-ftehim, u baghat anke ittra tramite l-legali tieghu sabiex possibilment il-vertenza tigi konkluza, madankollu, tali tentattivi sfumaw fix-xejn minhabba l-inadempjenza ta' l-istess intimat.

Konsegwentement, ir-rikorrent kellu jirrikorri ghal din il-procedura sabiex jigi rifuz l-ammont ta' €2,450 (elfejn erba' mija u hamsin ewro) imhallas minnu lil intimat.

Illi fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, l-intimat ma deherx, u ma gietx intavolata l-ebda risposta mill-istess intimat, u ghalhekk il-versjoni pprezentata mir-rikorrenti ma hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi inoltre t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni ipprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielhu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lil intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €2,450 (elfejn erba' mija u hamsin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru